Malta Resources Authority
Millennia
Triq Aldo Moro
Marsa, MRS 9065
MALTA

Tel. : +356 2122 0619
Fax.: +356 2295 5200
Email: enquiry@mra.org.mt
www.mra.org.mt

# NOTI GWIDA GĦAL APPLIKANTI SABIEX JIMLEW L-APPLIKAZZJONI GĦAL LIĊENZA GĦAL PROVVISTA TA' ILMA MINN *WATER TANKERS*

Skont ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Provvista ta' l-Ilma u s-Servizzi tad-Drenaġġ, (Avviż Legali 525 ta' l-2004), kull fornitur ta' l-ilma li jkun qed jipprovdi jew joffri servizz jew jopera xi sistema msemmija f'dawn ir-regolamenti, u jkun jeħtieġ liċenza taħt dawn ir-regolamenti, għandu japplika bil-miktub ma' l-Awtorita` fi żmien tliet xhur minn meta dawn ir-regolamenti jkunu daħħlu fis-seħħ.

B'effett mill-1 ta' Settembru, 2009, dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw ukoll għal fornituri ta' ilma li jkunu jipprovdu ilma lil klijent minn *water tanker.* **B'effett mill-15 ta' Jannar 2010, dawn ir-regolamenti japplikaw ukoll għall-provvista ta' ilma għal użu personali.**

Kull persuna li tkun tipprovdi xi servizzi jew tkun topera xi sistema msemmija f'dawn ir-regolamenti, li tikser jew tonqos mill tikkonforma ma' xi wħud minn dawn ir-regolamenti, għandha tinsab ħatja ta' reat kontra id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, u għandha meta tinsab ħati, teħel multi stabbiliti b'dawn ir-regolamenti.

Dawn in-Noti Gwida ġew ippreparati biex jassistu applikanti biex jimlew il-formola ta' applikazzjoni għal liċenza għal provvista ta' ilma minn *water tanker*.

1. Formola ta' applikazzjoni għal liċenza għandha timtela` u tiġi preżentata lill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi mill-applikant.

2. L-applikazzjoni għandu jkun fiha dan li ġej:

***Parti I***

i. Sezzjoni A: Informazzjoi Ġenerali li tinkludi d-dettalji ta' l-applikant.

ii. Sezzjoni B: Informazzjoni Teknika li tinkludi d-dettalji ta':

a. L-*water tankers* li jkunu ser jiġu operati mill-applikant;

b. Is-sorsi ta' ilma ta' taħt l-art minn fejn l-ilma ta' taħt l-art ikun ser jiġi astratt u eventwalment provdut minn *water tanker*.

Nota: **"sors ta' l-ilma ta' taħt l-art" tfisser kull xaft, mina, ftuħ, toqba, miżra jew bir imħaffer fl-art jew imkabbar b'mezz artifiċjali, li jwassal sa l-ilma ta' taħt l-art jew li hu vertikalment iktar fond minn nofs id-distanza bejn il-wiċċ tal-bir u l-eqreb ilma ta' taħt l-art f'dak il-post, iżda ma tinkludix ġiebja.**

c. Kull ġiebja, bir, jew ġibjun fejn jinġabar l-ilma tax-xita minn fejn l-ilma jiġi trasferit biex eventwalment jiġi provdut minn *water tanker*.

iii. Sezzjoni C: Dettalji ta' xi approvazzjonijiet regolatorji

***Parti II***

iv. Dokumenti li għandhom jiġu preżentati mal-formola ta' applikazzjoni.

***Parti III***

v. Dikjarazzjoni mill-applikant

vi. Dikjarazzjonijiet mill-utenti ta' sorsi ta' ilma ta' taħt l-art u sorsi oħra.

Nota: **"utent ta' sors ta' ilma ta' taħt l-art" tfisser il-persuna li, waħedha jew flimkien ma' oħrajn, ikollha l-kontroll effettiv ta' l-użu tal-proprjetà fejn ikun jinsab is-sors ta' l-ilma ta' taħt l-art.**

**"utent ta' kull sors ieħor" tfisser il-persuna li, waħedha jew flimkien ma' oħrajn, ikollha l-kontroll effettiv ta' l-użu tal-proprjetà fejn ikun jinsab dak is-sors.**

vii. Dikjarazzjonijiet mis-sidien tal-*water tankers*.

viii. Dikjarazzjoni mill-Perit.

3. Is-sezzjonijiet kollha rilevanti għandhom jimtlew u d-dokumenti msemmija f'Parti II għandhom jiġu preżentati flimkien ma' l-applikazzjoni. **Applikazzjoni għal liċenza għandha tkun ikkunsidrata mhux valida jekk l-informazzjoni meħtieġa ma tiġix preżentata jew ma tkunx kompluta jew mhux korretta**.

4. Informazzjoni supplimentari: Meta ma jkunx provdut biżżejjed spazju fil-formola ta' applikazzjoni, informazzjoni supplimentari għandha tiġi preżentata fuq formoli separati u annessa mal-formola ta' applikazzjoni. Din l-informazzjoni għandha tiġi kunsidrata bħala parti integrali mill-informazzjoni preżentata fl-applikazzjoni.

5. Fejn l-applikant ma jkunx:
   i. is-sid ta' xi *water tanker* imsemmi f'Sezzjoni B – Num. 26 ta' din l-applikazzjoni;
   ii. l-uniku utent ta' xi sorsi ta' ilma ta' taħt l-art imsemmi f' f'Sezzjoni B – Num. 27 ta' din l-applikazzjoni;
   iii. l-uniku utent ta' xi sorsi oħra msemmi f' f'Sezzjoni B – Num. 28 ta' din l-applikazzjoni;

   l-applikant għandu jinforma l-utent(i) u, jew sid(ien) kollha, kif ikun japplika, ta' l-applikazzjoni. Dettalji kompluti ta' dan/dawn l-utent(i) u, jew is-sid(ien) għandhom jiġu preżentati fuq formola(i) separata(i) u annessi ma' l-applikazzjoni. Dikjarazzjonijiet separati kif meħtieġa f'Parti III ta' din il-formola ta' applikazzjoni għandha tkun iffirmata mill-utenti u s-sidien kollha.

6. **Section B – Num. 26**: L-applikant għandu jsemmi:

   (a) In-Numru tar-reġistrazzjoni ta' l-MRA ta' kull *water tanker* li jkun maħsub għall-użu għall-provvista ta' l-ilma u li r-reġistrazzjoni tkun inħarġet skond ir-Regolament ta' l-1997 dwar ir-Reġistrazzjoni tal-*Water Tankers* (A.L. 167 ta' l-1997);

   (b) In-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura jew karru li tkun inħarġet mill-ADT;

   (c) Kemm jesa' l-*water tanker* f'metri kubi ($m^3$);

   (d) L-użu maħsub (ilma tax-xorb, ilma mhux tax-xorb, jew ilma tal-baħar) tal-*water tanker* u fil-każ ta' *tankers* li jkunu jintużaw għal ġarr ta' ilma tax-xorb, l-applikanti għandhom ukoll isemmu in-numru ta' reġistrazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa;

   (e) Dettalji ta' sorsi ta' ilma li jkun qed jintuża;

   (f) Is-sit fejn ikun ipparkjat it-*tanker* wara l-ħinijiet tax-xogħol.

7. **Sezzjoni B – Num. 27**: Fejn l-applikant ikun intenzjonat li se jagħmel użu minn ilma ta' taħt l-art bħala sors biex jipprovdi ilma minn *water tanker,* l-applikant għandu jsemmi:

   (a) In-numru ta' referenza tad-WSC jew in-numru tar-riċevuta ta' l-MRA f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull sors ta' ilma ta' taħt l-art imsemmi fl-applikazzjoni u li jkun inħareġ skond ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Sorsi ta' Ilma ta' taħt l-Art (Avviż Legali 120 ta' l-1997) jew ir-Regolamenti ta' l-2008 dwar in-Notifikazzjoni ta' Sorsi ta' Ilma ta' taħt l-Art (Avviż Legali 255 ta' l-2008);

   (b) Dettalji tas-sit tas-sorsi ta' ilma ta' taħt l-art;

   (c) Il-volum li jkun stmat ta' ilma ta' taħt l-art li jkun jista' jiġi astratt minn kull sors ta' ilma ta' taħt l-art.

8. **Sezzjoni B – Num. 28**: Fejn l-applikant ikun qed jagħmel użu minn xi bir, ġiebja jew ġibjun fejn jinġabar l-ilma tax-xita bħala sors biex jipprovdi ilma minn *water tanker*, l-applikant għandu jsemmi:
   (a) id-dettalji tas-sit tal-bir, ġiebja jew ġibjun;
   (b) il-volum li jkun stmat tal-bir, ġiebja jew ġibjun.

   Barra minhekk, l-*area* tal-bir, ġiebja jew ġibjun fejn tkun tilqa' l-ilma tax-xita għandha tkun imsemmija fuq il-pjanta. (Irreferi għal Parti II – dokumenti li għandhom jiġu preżentati ma' l-applikazzjoni).

9. Fejn l-applikant ikun qed itella` l-ilma ta' taħt l-art u jitrasferixxih f'ġibjun, għandha timtela` biss Sezzjoni B – Num. 27. Iżda f'każ fejn l-ilma ta' taħt l-art ikun imħallat ma' l-ilma tax-xita li jkun inġabar f'bir, ġiebja jew ġibjun, għandha timtela` Sezzjoni B – Num. 27 u Num. 28 flimkien.

10. L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi preżentatat flimkien ma' l-applikazzjoni:

(i) Kopja(i) tal-pjanta (i): A4 estratta(i) minn l-aħħar *Survey Sheets* fuq skala ta' 1: 2500 u li tkun tindika:

- s-sit ta' kull sors ta' ilma ta' taħt l-art imsemmi f'Sezzjoni B – Num. 27 ta' din l-applikazzjoni;
- s-sit ta' kull ġiebja, bir u ġibjun fejn jinġabar l-ilma tax-xita msemmi f'Sezzjoni B – Num. 28 ta' din l-applikazzjoni;
- l-*area(s)* fejn jinġabar l-ilma tax-xita għal kull ġiebja, bir, u ġibjun imsemmi f'Sezzjoni B – Num. 28 ta' din l-applikazzjoni;
- il-konfini ta' kull sors ta' ilma ta' taħt l-art u kull ġiebja, bir u ġibjun fejn jinġabar l-ilma tax-xita, it-tramuntana u d-distanzi mill-eqreb kantuniera ta' xi bini li jkun jeżisti għal kull sors imsemmi fuq il-pjanta;
- il-pożizzjonijiet minn fejn ir-ritratti jkunu ġew meħuda fuq il-pjanta.

Dawn il-pjanti għandhom ikunu ffirmati, datati, ċertifikati u dikjarati minn Perit.

(ii) Għal kull sors ta' ilma minn ta' l-inqas 2 ritratti bil-kulur: wieħed li jkun juri s-sit tas-sors (sors ta' ilma ta' taħt l-art jew ġiebja, bir, jew ġibjun fejn jinġabar l-ilma tax-xita) u l-ieħor li jkun juri l-post minn fejn jittieħed l-ilma biex jintlew il- *water tanker(s)*. Il-pożizzjonijiet minn fejn ir-ritratti jkunu ġew meħuda għandhom ikunu murija b'mod ċar fuq il-pjanti. Dawn ir-ritratti għandhom ikunu ffirmati, datati, ċertifikati u dikjarati minn Perit.

(iii) Kopji tal-permessi indikati f'Sezzjoni Ċ – Num 32.

(iv) Minn ta' l-inqas 2 ritratti bil-kulur ta' kull *water tanker* li jkun reġistrat għall-użu mill-applikant u r-ritratti għandhom juru l-pjanċa ta' reġistrazzjoni.

(iv) Kopji ta' *log book/s* ta' vettura(i) u /jew karru / karrijiet.
(v) Kopji ta' polza ta' assigurazzjoni li minn ta' l-inqas tkun tkopri ħsarat ta' parti terzi.
(vi) Kopji ta' liċenzi tas-sewqan tax-xufiera kollha tal-*water tanker(s)*.
(vii) Kopja tal-permess ta' negozju.
(viii) *Bank draft* jew *cheque* personali li għandu jiġi mħallas lill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi f'dak li għandu x'jaqsam ma' dritt ta' applikazzjoni ta' €58.23.

F'każ fejn l-applikant ikun kumpanija d-dokumentazzjoni li ġejja għandha wkoll tiġi preżentata mal-formola ta' applikazzjoni:

(ix) Kopji ċertifikati tal-*Memorandum and Articles of Association* tal-kumpanija, jew kuntratt ta' sħubija, jew kuntratt, jew ftehim awtentiku ieħor li jkun jistabbilixxi il-korp korporali.
(x) Kopji ċertifikati taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija.
(xi) Ċertifikat ta' "*Good Standing*" maħruġ mir-Registru tal-Kumpaniji.

11. **Sezzjoni Ċ – Num 29 sa 32** għandha timtela kollha u dettalji addizjonali għandhom jintlew f'paġni separate. B'riferenza għal Sezzjoni Ċ Num. 32, kopji tal-permessi maħruġa dwar l-attivita kummerċjali mill-post fejn jinstab is-sors ta' ilma indikat u minnfejn jintlew il-water tanker(s) għandhom jiġu mehmuża ma' l-applikazzjoni.

**Sezzjoni Ċ ma hemmx għalfejn timtela fejn l-applikazzjoni qiegħda tiġi preżentata għal liċenza għal provvista tal-ilma għal użu personali.**

12. **Regolament 5** jistabbilixxi li:

a. kull fornitur ta' l-ilma li jkun qed jipprovdi ilma lil xi klijent minn *water tanker* għandu japplika għal liċenza ma' l-Awtorita` sat-**30 ta' Novembru, 2009**

b. kull fornitur ta' l-ilma li jkun qed jipprovdi ilma għall-użu personali tiegħu minn *water tanker* għandu japplika għal liċenza ma' l-Awtorita` sat-**14 ta' Jannar 2010.**

13. Skond **regolament 7** tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Provvista ta' l-Ilma u s-Servizzi tad-Dranaġġ, dritt ta' applikazzjoni ta' **€58.23** li ma jingħatax lura għandu jitħallas flimkien ma' l-applikazzjoni. L-applikazzjoni għandha tkun ikkunsidrata mhux valida jekk il-ħlas ma jkunx sar u ġie riċevut mill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi flimkien ma ' l-applikazzjoni li għaliha jkun qiegħed jirreferi.

14. Id-dritt ta' applikazzjoni għandu jitħallas permezz ta' *bank draft* jew *cheque* personali u għandu jiġi mħallas lill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi. Ebda ħlas *cash* m'għandu jiġi aċċettat.

15. L-applikazzjoni għal liċenza għal provvista ta' ilma minn *water tanker* ma teskludix lil applikant milli jakkwista xi permessi jew liċenzi oħrajn jew obbligazzjonijiet oħra meħtieġa bil-liġi.

16. L-applikazzjoni kompluta li jkun fiha il-formola ta' applikazzjoni, il-ħlas rilevanti, d-dokumenti msemmija f'Parti II ta' l-applikazzjoni u kull informazzjoni supplimentari annessa mal-formola ta' applikazzjoni għandha tiġi preżentata mill-applikant f'envelopp issiġillat. L-envelopp għandu jkun immarkat b'mod ċar "**Applikazzjoni għal Liċenza għal Provvista ta' Ilma minn *Water Tanker***" fuq in-naħa ta' fuq tax-xellug u preferibilment mibgħut bil-posta.

17. Il-ħinijiet tal-ftuħ għal pubbliku ta' l-uffiċju tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi huma:

| | | |
|---|---|---|
| Sajf: | Tnejn - Ġimgħa: | 8.00 am sa 1.00 pm |
| Xitwa: | Tnejn - Ġimgħa: | 8.30 am sa 12.30 pm u 12.45 pm sa 4.00 pm |

18. Kull mistoqsija jew diffikulta fir-rigward ta' l-applikazzjoni għal liċenza għal provvista ta' ilma minn *water tanker* tista' ssir permezz tat-telefon fuq: **22955118** waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċju.

19. L-applikazzjoni kompluta li jkun fiha l-annessi kollha u l-ħlas rilevanti għandha tintbagħat jew bil-posta jew tiġi depositata **f'envelop issiġillat** fl-uffiċji ta' l-Awtorita` ta Malta dwar ir-Riżorsi u ndirizzati lil:

**Kap Uffiċjal Eżekuttiv**
**Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi**
**Millennia**
**Triq Aldo Moro**
**MARSA MRS 9065**
**MALTA**